KUNSILL LOKALI
**MOSTA**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Tmien LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 57** **Tlieta 17 ta' Frar 2023**

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' onlajn fil-5:20pm ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Perit Christopher Grech - Sindku
Rachel Abela - Viċi Sindku
Joseph Gatt- Kunsillier
Maria Pia Bonnici - Kunsilliera
Mikhail Micallef - Kunsillier
Danny Farrugia - Kunsillier
George Borg - Kunsillier
Anna Galea - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Ma kienx hemm ittri t'apoloġija

**ASSENTI:**
Keith Cassar - Kunsillier
Francis Deguara - Kunsillier
Dott. Angele Rapa - Kunsillier
Aiken Zerafa - Kunsillier
Mario Victor Camilleri - Kunsillier

**MISTIEDEN:** Daniel Galea - Accountant

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Lorraine Templeman - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**
Is-Sindku Chris Grech ippreseda l-laqgħa.

**57.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li ma rċevejniex ittri ta' apoloġija mill-Kunsilliera.

**57.2 Rapporti**
**57.2.1 Financial Statements 2022**
L-*accountant* tal-Kunsill spjega l-*Financial Statements* 2022.

*Statement of Comprehensive Income:*
Fuq natura rikorrenti id-dħul fl-2022 kien ta' €1,719,831 u ħruġ kien ta' €1,764,524, jiġifieri l-Kunsill ħareġ aktar milli daħħal €44,693.

Bħala numri dettaljati, żieda fl-allokazzjoni fl-2022 mil-Gvern Ċentrali kienet ta' €27,256, fejn 2021 l-allokazzjoni kienet ta' €1,408,532, u fl-2022 kienet ta' €1,435,788.

- Dħul min *bye-laws* fl-2022 €15,952 u fl-2021 €7,697.
- Dħul mil-LESA fl-2022 €11,625 u fl-2021 €11,465.
- *General Income* min permessi fl-2022 €117,664 u fl-2021 €92,702.
  Spejjez ta' pagi ta' staff, onorarja u *allowance* tal-Kunsilliera, bolol u *overtime* fl-2022 €310,385 u fl-2021 €302,683.
- Operations and Maintenance:
  - Repairs and upkeep fl-2022 €248,000 u fl-2021 €250,214.
  - Contractual Services fl-2022 €815,103 u fl-2021 €873,691.
- Spejjez Amministrattivi fl-2022 €391,036 u fl-2021 €306,072.

Bħala *balance sheet* daħħalna s-somma dovuta ta' l-arbitraġġ Tal-Ġeneral Company Limited, fejn hemm €200,000 *long term* għax ser jitħallsu f'ħames snin, u l-ewwel pagament ta' €50,000 sar din is-sena.

Bħala sitwazzjoni akkumulata qed nagħlqu s-sena 2022 b'*positive net current asset* ta' €711,662, waqt li fl-2021 il *positive net current asset* kien ta' €945,974, fejn l-*accountant* spjega li kif diġà semmejna kemm il-darba f'laqgħat preċedenti dan l-ammont bħala riserva qed jonqos. L-*accountant* kompla billi jispjega fejn enfasizza li mportanti li l-Kunsilliera jifhmu li s-€711,662 ma jinkludux il-€200,000 *long term* relatat ma l-*agreement* mall-kuntrattur Tal-Ġeneral Company Limited u għalhekk kieku dan kellu jitħallas issa r-riservi tal-Kunsill jinżlu għal €511,662.

Is-Sindku stqarr li ma nistgħux nikkalkulaw daqs li kieku dan l-ammont ta' €200,000 ser jitħallas issa u l-Kunsill għandu jaħdem bl-ammont tar-riżerva kollu ta' €711,662. Il-Kunsill għandu jara kif ser jaħseb għal €50,000 pagament ta' dik is-sena partikolari meta jkun il-waqt u mhux issa. Huwa stqarr li b'dan l-argument huwa seta' qabad u ħallas il-Ġeneral kollox issa allura. Huwa propju dan l-iskop li meta ġie diskuss ma' Tal-General fl-*out of court settlement* biex il-ħlas dovut jitħallas f'ħames snin mingħajr interessi. B'hekk il-pjan ta' ħidma tal-Kunsill ma jkunx affetwat u r-riżerva tkun tista' tiġi użata għal xogħlijiet tal-kunsill fil-preżent.

Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret li min dawn il-€711,662, kull tlett xhur irridu nżommu rendikont għax hemm bosta proġetti, u għalhekk tajjeb li kull kwotazzjoni jew BOQ ta' proġetti pjanati kemm jista' jkun ma tinqabiż. Huwa tajjeb li nqabblu f'hiex inkunu bħala *net current asset.* Is-Sindku żied jgħid li l-proġetti pjanati huma kollha approvati fil-baġit u għalhekk l-infieq huwa pjanat. L-*accountant* żied jgħid li jaqbel ma dak li qed jingħad mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku, imma mportanti li kulħadd jifhem li l-ammont ta' €711,662 jirriflettu spejjez li l-Kunsill weħel sa Diċembru 2022. Jiġifieri il-proġetti li hemm pjanati fil-*Business Plan* u fil-baġit huma maħsubin għal spejjez li ġejjiin.

Fil 5:35pm is-Sindku talab biex jkun skużat mil-laqgħa għax kellu laqgħa oħra x'jattendi.

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-Financial Statements 2022.

**57.2.2 Management Letter & Reply to Management Letter 2021**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat l-*Management Letter* u r-*Reply to Management Letter* 2021 ntbagħtet lil-Kunsilliera għal-attenzjoni tagħhom.

L-*accountant* spjega li l-awdituri damu biex lestew l-*accounts* għal-diversi raġunijiet imma issa dawn huma magħluqa u approvati. F'Jannar preżentajna l-*audited financial statements* u bagħtulna l-*management letter* u lestejna r-risposta li obbligati nagħmlu fi żmien sitt ġimghat. Fl-ittra ta' l-awdituri jkun hemm affarijiet li jkun hemm bżonn li nindirizzaw, fejn ma hemmx affarijiet kbar. Waħda mil-affarijiet li tibqa t'issemma hija l-*fixed asset reġistrar* (FAR), fejn il-Kunsill x'tara s-SAGE li huwa s-*software* ta' l-*accounts,* u fil-ġranet li ġejjien ħa nkunu qed naħdmu biex l-FAR biex inkunu *inline* ma dak li qed jitolbu l-awdituri.

Għal benefiċċju tal-Kunsilliera s-Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-FAR huwa fejn kull oġġett li jinxtara bħal *bins*, bankijiet, tabelli, siġar, għamara, siġġijiet, kompjuters eċċ, jridu jiddaħħlu fl-*accounts* u kull oġġett jridu jkun numerat. Din hija xi ħaġa li qatt ma saret min meta bdew il-Kunsilli fl-1996, u għalhekk wieħed jista' jimmaġina d-diffikultà biex jkunu numerati kull ma xtara l-Kunsill. L-*accountant* tal-Kunsill informa li ser nagħmlu eżerċizzju biex kemm jista' jkun nkunu qrib is-sitwazzjoni, u jista' jkun hemm affarijiet li l-awdituri jikkumentaw fuqhom, imma ma jfissirx li ma jaqblux, imma nippruvaw nirfinaw skond il-bżonn li jkun hemm.

**57.2.3 Claims**
Il-Kunsilliera Bonnici preżentat ir-rapport li sar mil-kumitat tal-*claims.*

CL04-2022 *claim* ta' €78 – Il-bord ma laqax din it-talba peress li ma ġiex preżentat rapport tal-pulizija.

*Claims* CL02-2022, CL03-2022, CL05-2022, CL06-2022 ġew approvati mil bord bi tnaqqis ta' 10% fuq *wear and tear* liema somma tammonta għal €745.13.

Il-membri preżenti approvaw il-ħlas ta' €745.13.

**57.3 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**
Il-laqgħa intemmet fil-5:50pm ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għas-7 ta' Marzu 2023 fis-6:00pm.

Konfermati llum 17 ta' Frar 2023.

IFFIRMATI
Chris Grech
Sindku

IFFIRMATI
Lorraine Templeman
Segretarju Eżekuttiv